**DEĊIŻJONI TA-SEDJA MOGĦTIJA MIS-SEDJA FIS-SEDUTA NRU 217 TAL-ĦAMIS, 6 TA' MEJJU 2010 DWAR INTERESS PEKUNJARJU TA' MEMBRU**

Wara li ntemmet id-diskussjoni fuq il-Mozzjoni Numru 110 dwar l-Estensjoni tal-Power Station f'Delimara, l-Onorevoli Kap ta' l-Oppożizzjoni Joseph Muscat staqsa jekk is-Sedja ġietx informata minn xi Membru li kellu konflitt ta' interess għar-rigward tal-votazzjoni fuq din il-Mozzjoni. Is-Sedja wieġbet li ħadd ma kien ikkomunika magħha f'dan is-sens.

L-Onor. Kap ta' l-Oppożizzjoni sussegwentement irrifera għal Ordni Permanenti 89, u bħala fonti ta' interpretazzjoni għall-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati u għall-Erskine May. Huwa ddikjara wkoll li qed jindika lill-Onor. Charlo' Bonnici bħala l-Membru li għandu interess pekunjarju dirett f'din il-kwestjoni għaliex kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ffirmata mill-istess Onorevoli Bonnici huwa impjegat mal-Grupp Care Malta Ltd fil-grad għoli ta' Human Resources Manager u huwa parti mill-Group Management Team, l-ogħla *rank* ta' Management fi ħdan dan il-grupp ta' kumpanniji. Il-Kap tal-Oppożizzjoni kompla jgħid li ċ-Chairman tal-grupp u *employer* tal-Onor. Bonnici huwa s-Sur Nazzareno Vassallo, li huwa *shareholder* bħala Vassallo Builders Group Limited, liema Vassallo Builders Group qed idaħħlu, fi kliem il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, miljuni ta' ewro bħala kuntratturi li ngħataw il-kuntratt għall-bini tal-estensjoni tal-*power station* tal-BWSC u li digà ġie ffirmat magħhom kif ikkonfermat mir-rapport tal-Awditur Ġenerali.

Huwa sostna li "il-punt ewlieni huwa li l-Onorevoli Bonnici għandu interess pekunjarju dirett minħabba li huwa uffiċjal għoli u għandu d-dħul tiegħu jiddependi minn xogħol mal-istess persuni li se jibbenefikaw direttament mill-kuntratt tal-*power station* il-gdida u għandu relazzjoni diretta ma' dawn il-persuni li *de facto* jħallsu s-salarju tiegħu."

L-Onor. Viċi Prim Ministru stqarr li impjegat m'għandux jiġi kkonsidrat li għandu interess pekunjarju dirett u qal ukoll li b'dan l-argument anke xi ħadd li jkun azzjonista ta' bank li jkun sellef xi flus lil waħda minn dawn il-kumpaniji jista', bil-loġika tal-Kap tal-Oppożizzjoni, ikun indikat bħala li għandu interess pekunjarju dirett. Għalhekk huwa ma qabilx ma' din l-interpretazzjoni.

Is-Sedja wara li rat id-dikjarazzjoni ta' l-assi ta' l-2008 ta' l-Onorevoli Charlo' Bonnici tikkonferma li huwa impjegat bħala HR Manager Care Malta Limited, kumpanija li mhijiex imsemmija fir-Rapport tal-Awditur.

Is-Sedja rat il-Kodici ta' Etika tal-Membri Parlamentari. Il-Kodici ta' Etika tal-Membri Parlamentari fl-artikolu 5 (e) jgħid li Membru tal-Kamra tad-Deputati li jkollu interess professjonali inklużi konsulenza dwar interessi ta' xogħol, tmexxija jew kull għamla ta' konnessjoni sew finanzjarja jew mod ieħor, ma' persuni, gruppi jew kumpaniji li għandhom interess dirett f'xi leġislazzjoni li l-Kamra jkollha quddiemha għandu jiddikjara l-interess tiegħu fil-Kamra mal-ewwel opportunità, qabel ma jittieħed vot fit-Tieni Qari tal-Abbozz. Jidher ċar għalhekk li din il-parti rilevanti tal-gwida fil-Kodiċi ta' Etika tapplika biss għal sitwazzoni ta' leġislazzjoni u għalhekk mhijiex applikabbli għal każ odjern li jirrigwarda vot fuq Mozzjoni li m'għandhiex skop leġislattiv u li titlob ġenerikament lill-Prim Ministru li jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex isewwi s-sitwazzjoni kif deskritta fl-istess Mozzjoni.

Is-Sedja rat ukoll l-Ordni Permanenti 89 li tgħid li "Ebda Membru ma jkollu dritt jivvota fil-Kamra jew f'Kumitat tal-Kamra kollha jew maħtur mill-Kamra dwar xi kwestjoni li fiha jkollu interess pekunjarju dirett." L-użu tal-kelma "kwistjoni", bl-Ingliż "*question*", tindika li

din il-Klawsola tal-Ordnijiet Permanent 89 għandha tapplika wkoll għal Mozzjoni li ma jkollhiex skop legislattiv bħal dik taħt konsiderazzjoni fil-Kamra llum. Il-kwistjoni imqajma għalhekk hija koperta mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u s-Sedja, skond kif mitlub mill-Ordni Permanenti 197, għaldaqstant ma għandhiex tirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit.

Is-Sedja rat ukoll li fir-rapport tal-Awditur Generali m'hemm l-ebda riferenza għas-soċjetà Care Malta Ltd.

Is-Sedja tikkonsidra li fih innifsu, impieg, anke fuq livell għoli ta' *management,* ma' socjetà li mhijiex direttament involuta fil-kwestjoni dibattuta, *inoltre* waħda li ma ffigurat bl-ebda mod fir-Rapport ta' l-Awditur, ma jikkostitwix interess pekunjarju dirett kif rikjest mill-Ordni Permanenti. Is-Sedja żżid li l-enfasi ta' l-Ordni Permanenti hija li jrid ikun hemm interess pekunjarju dirett u mhux biżżejjed li jkun hemm possibbiltà ta' xi interess indirett.

Għaldaqstant, is-Sedja tiddikjara li l-Onorevoli Charlo' Bonnici jista' jeżerċita d-dritt tal-vot tiegħu.